MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta tad-19 ta' April, 2011

Avviz Numru. 201/2009

**Vince Farrugia**

**vs**

**Felix Agius**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz fuq indikat datat it-3 ta' Gunju tas-sena 2009 li permezz tieghu l-attur sejjah lill-intimat Agius quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat prevja d-dikjarazzjoni illi l-artikolu ppubblikat fuq il-gurnal "Kulhadd" mahrug nhar il-Hadd, 31 ta' Mejju tas-sena 2009, intitolat "Eluf f'konsulenzi lil Vince Farrugia, Alan Camilleri u Anton Attard", li tieghu il-konvenuti responsabbli, huwa malafamanti u libelluz u ghandu l-iskop li jtellef jew inaqqas ir-reputazzjoni tal-attur:

1. Illi jhallas dik is-somma li tigi likwidata minn dina l-Onorabbli Qorti a tenur ta' l-artikolu 28 tal-Ligi dwar l-Istampa, (Kap 248 tal-Ligijiet ta' Malta), annessa u mmarkata Dok "J1";

2. Bl-ispejjez;

Rat ir-risposta tal-konvenut Agius datata l-1 ta' Lulju tas-sena 2009, li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:

1. Illi jiskuza ruhu ghal kull inkonvenjent li holoq lill-attur li jirrizulta li meta nkiteb l-artikolu in kwistjoni l-Hadd 31 ta' Mejju tas-sena 2009 sar zball dwar l-identita` tal-persuna;

2. Illi jirrizulta li Vince Farrugia imnizzel fil-PQ 6446 ma kienx l-attur izda persuna ohra;

3. Illi l-gurnal kien ipprova jivverifika l-informazzjoni b'talba specifika lill-Ministeru tal-Finanzi izda sa dak inhar li dehret l-informazzjoni fil-gurnal ma kienx hemm twegiba;

4. Hekk kif il-gurnal sar jaf li ma kienx korrett, fil-harga ta' wara, il-Hadd 7 ta' Gunju tas-sena 2009, ippubblika korrezzjoni bi prominenza akbar u dan sar fuq inizjattiva unikament tal-gurnal minghajr ma kien hemm xi talba ghal retifika mill-attur;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Ezaminat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentant legali tal-konvenut;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi l-kawza tirrigwarda artikolu intitolat "Eluf f'konsulenzi lil Vince Farrugia, Alan Camilleri u Anton Attard",

ippubblikat fil-harga tal-Hadd, 31 ta’ Mejju tas-sena 2009, fil-gurnat settimanali Kulhadd;

2. Illi in sintesi, kien gie hemm ippubblikat is-segwenti:

i. Illi attivisti ewlenin tal-Partit Nazzjonalista u ufficcjali gholjin tal-gvern li kienu ppartecipaw fl-ahhar kampanja elettorali qabel ma gie ppubblikat l-artikolu de quo kienu bbenefikaw bi kbir minn konsulenzi li nghataw mill-ministeri, awtoritajiet u agenziji tal-Gvern;

ii. Illi fost dawn il-beneficjarji gie allegat li kien hemm ukoll ir-rikorrenti Vince Farrugia sottolineat ukoll bir-ritratt tar-rikorrenti, li allegatament thallas l-ammont ta’ hamest elef, hames mija u disghin Ewro u tmienja u erbghin centezmu, (€5,590.48), mill-Awtorita` Maltija ghas-Servizzi Finanzjarji;

Ikkunsidrat:

Illi rrizulta abbundantement assodat li mill-informazzjoni ricevuta mill-intimat kien hemm kaz ta’ omonemija, fejn allura jirrizulta pacifiku li r-rikorrenti kien ghal kollox estraneu ghall-allegazzjoni mxandra;

Illi in effetti, anke sa mill-istess risposta tal-intimat, jirrizulta li dan l-intimat irrikonoxxa l-izball tieghu u mill-ewwel skuza ruhu ghal kull inkonvenjent li holoq lir-rikorrenti;

Illi jirrizulta wkoll li fil-harga sussegwenti tal-gurnal de quo, allura fis-7 ta’ Gunju tas-sena 2009, l-intimat ippubblika korrezzjoni u ghamel hekk bi prominenza akbar minn dik li fiha ippubblika l-ewwel artikolu inkriminanti tieghu;

Illi jirrizulta wkoll li tali korrezzjoni giet pubblikata spontaneament minghajr il-htiega li jkun skomodat ir-rikorrenti;

Ikkunsidrat:

Illi in vista tar-rizultanzi fuq sintetikament esposti jirrizulta s-segwenti:

1. Illi a bazi ta' risposta wara mistoqsija parlamentari l-artikolist kien stradat fi triq zbaljata minhabba kaz ta' omonemija;

2. Illi appena gie stabbilit dan l-izball, l-istess intimat effettwa l-korrezzjoni xierqa, issottometta l-iskuza dovuta, u dan minghajr ma halla lir-rikorrenti jintervjeni u bi prominenza akbar;

Ikkunsidrat:

Illi allura jirrizulta li l-kaz odjern jirrigwarda pubblikazzjoni ta' fatti erronei li attiraw l-apologija spontanea w immedjata tal-intimat;

Illi mhux biss, jirrizulta wkoll li l-intimat effettwa wkoll il-korrezjoni fattwali dovuta;

Ikkunsidrat:

Illi allura jirrizulta assodat li kwalunkwe ingurja li setghet originarjament tkun indirizzata fil-konfront tar-rikorrenti kienet giet debitament korretta bi prominenza akbar u ghalhekk hi ekwivalenti ghall-ritrattazzjoni unilaterali effettiva, pjena, u kompluta;

Ikkunsidrat:

Illi l-pubblikazzjoni tal-izball in dizamina effettivament iwassal lil din il-qorti biex tikkonkludi li l-allegazzjoni originali meritu tal-procedura in dizamina kienet effettivament malafamanti w ingurjuza fil-konfront tar-rikorrenti;

Illi pero` jirrizulta wkoll li r-ritrattazzjoni unilaterali w immedjata tal-intimat tesprimi element ta' buona fede da parti tal-intimat, haga rarament skontrata fi proceduri bhal dik in dizamina;

Ikkunsidrat:

Illi in vista tal-premess, din il-qorti tqis li l-artikolu in dizamina hu effettivament malafamanti fil-konfront tar-rikorrenti stante li kienu allegati fatti fil-konfront tar-rikorrenti li palezement jirrizultaw li ma kienux minnhom;

Illi pero` in vista wkoll tal-apologija unilaterali, mmedjata, u riprodotta bi prominenza akbar fl-ewwel opportunita` li kellu l-intimat proprju fil-harga immedjatament wara l-pubblikazzjoni inkriminata, ghandu jinghad li dan hu ekwivalenti ghall-ammissjoni unilaterali tal-intimat li, minn jeddu, ha l-izbriga li jipprova jirrimedja l-hsara li seta' kkaguna lir-rikorrenti;

Ghaldaqstant, din il-qorti tqis li effettivament l-intimat Felix Agius, kien zbaljat meta ppubblika l-artikolu in dizamina qabel ma effettwa l-verifika necessarja, u allura l-artikolu de quo jirrizulta li  kien malafamanti fil-konfront tar-rikorrenti Vince Farrugia;

Illi in effetti l-intimat Agius kien imissu, fl-ahjar tradizzjoni gurnalistika ghaqlija li ghandha tigi prattikata f'dawn il-Gzejjer, stenna u ssaporta sa kemm ivverifika oggettivament l-informazzjoni li seta' kellu f'idejh qabel ma ddecieda li jippubblika;

Illi pero`, meta sussegwentement ghall-izball minnu maghmul  l-istess intimat fuq indikat effettwa l-korrezzjoni unilaterali tieghu bi prominenza akbar kif fuq sintetikament riprodott, tali korrezzjoni timmilita favur il-mitigazzjoni tal-piena kif rikjesta mill-artikolu 28 tal-Kap 248 u konsegwentement, wara li qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, tikkundanna lill-intimat Felix Agius biex ihallas lir-rikorrenti  Vince Farrugia l-ammont nominali ta' hamsin Ewro, (€50.00), bl-ispejjez ta' din il-procedura pero` jigu kanonizzati kontra l-editur intimat Felix Agius.

Marisa Borg
Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------